Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,973, 5 ta' Lulju, 1994

Taqsima B

A.L. 74 ta' l-1994

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

REGOLAMENTI TA' L-1994 DWAR IL-KORS LI JWASSAL GĦALL-GRAD TA' *BACHELOR OF PSYCHOLOGY (HONOURS)* — *B.PSYCH. (HONS.)*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni, (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti li ġejjin magħmula mis-Senat ta' l-Università bis-saħħa mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1994 dwar il-Kors li jwassal għall-grad ta' *Bachelor of Psychology (Honours) — B.Psych. (Hons.)*

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"il-Grad" ifisser il-Grad ta' *Bachelor of Psychology (Honours) — B.Psych. (Hons.);*

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-grad ta' *Bachelor of Psychology (Honours) — B.Psych. (Hons.).*

Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-korsijiet mibdija f'Ottubru 1992 jew wara.

Eliġibilità għall-Grad

3. Biex ikun eliġibbli għall-għoti tal-Grad, il-kandidat għandu —

(a) ikun temm il-kors ta' l-istudju mfassal għall-Grad;

(b) ikun għadda mill-eżamijiet rilevanti; u

(ċ) ikun issodisfa r-rekwiżiti l-oħra kollha meħtieġa skond dawn ir-regolamenti u l-istatuti, regolamenti u ordinamenti rilevanti oħra ta' l-Università.

Ir-Reġistrazzjoni u r-Rekwiżiti Speċjali tal-Kors

4. (1) Kandidat jista' jiġi reġistrat għall-Kors jekk hu jkollu minn dawn it-tliet settijiet ta' kwalifiki, jiġifieri:

(a) ikun:

(i) temm b'suċċess l-Ewwel Parti tal-kors ta' B.Psych; u

(ii) kiseb il-Grad B jew aħjar fil-valutazzjoni globali tas-16-il kredtu tal-Psikoloġija fl-Ewwel Parti tal-kors tal-B.Psych.; u

(iii) kiseb il-Grad Ċ jew aħjar fil-valutazzjoni globali tal-45 kredtu fl-Ewwel Parti tal-kors tal-B.Psych. imsemmija fil-paragrafu (3) tar-regolament 5 tar-regolamenti li jgħoddu għal dak il-kors; JEW

(b) ikun:

(i) temm b'suċċess l-Ewwel Parti tal-kors tal-B.A. fil-Fakultà ta' l-Arti fl-Università ta' Malta bil-Psikoloġija bħala wieħed mill-oqsma ewlenin ta' studju; u

(ii) kiseb il-Grad B jew aħjar fil-valutazzjoni globali tas-16-il-kredtu tal-Psikoloġija fl-Ewwel Parti tal-kors tal-B.A.; u

(iii) kiseb il-Grad Ċ jew aħjar fil-valutazzjoni globali tal-45 kredtu fl-Ewwel Parti tal-kors tal-B.A. skond ir-regolamenti li jgħoddu għal dak il-kors; JEW

(ċ) ikun:

(i) kiseb grad ta' Baċillier, fit-tieni klassi jew aħjar, mill-Università ta' Malta, jew kiseb kwalifika ekwivalenti minn Università oħra magħrufa għal dan il-għan mis-Senat; u

(ii) temm b'suċċess il-45 kredtu imsemmija fil-paragrafu (3) tar-regolament 5 tar-regolamenti li jgħoddu għall-kors tal-B.Psych. jew l-ekwivalenti ta' dawk il-kredti kif rikonoxxut mis-Senat; u

(iii) kiseb il-Grad B jew aħjar fil-valutazzjoni globali tal-kredti fil-Psikoloġija f'din l-Università jew l-ekwivalenti tagħhom, f'Università oħra, kif rikonoxxut mis-Senat.

(2) Qabel jitħalla jidħol għall-Kors, kandidat jinħtieġlu joqgħod għal intervista biex tiġi eżaminata x-xeħta psikoloġika tiegħu biex isegwi l-Kors.

(3) Kandidati li jixtiequ jirreġistraw għall-kors bil-kwalifiki msemmija fis-sotto-paragrafi (a) jew (b) tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament għandhom normalment ikunu meħtieġa li jidħlu f'dan il-kors immedjatament wara li jiksbu dawk il-kwalifiki. F'ebda każ ma jitħallew jidħlu fil-kors ħlief bil-permess tas-Senat jekk ikunu għaddew iżjed minn tliet snin minn meta jkunu kisbu dawk il-kwalifiki.

Il-Kors ta' l-Istudji

5. (1) Il-Kors normalment jinfirex fuq tul ta' sentejn akkademiċi.

(2) Kandidat ma jistax jagħmel l-Eżaminijiet Finali qabel sentejn jew wara tliet snin akkademiċi mill-ewwel dħul fil-Kors ħlief bil-permess tas-Senat.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament li ġej, kandidat għandu jikseb mhux inqas minn 41 kredtu li jinkludu:

(a) 24 kredtu fil-Psikoloġija (li jistgħu jinkludu "practicum" taħt sorveljanza);

(b) total ta' 8 kredti fil-qasam ta' studju ewlieni jew fiż-żewġ oqsma ta' studju sekondarju magħżulin fl-Ewwel Parti;

(ċ) 6 kredti għal dissertazzjoni approvata;

(d) 3 kredti oħra li jiġu magħżula mill-kandidat mill-oqsma ta' studju li hu jkun diġà għażel fil-qasam ewlieni jew sekondarju.

(4) Il-kredti għandhom jiġu mogħtija skond dawn il-gradi f'dan l-ordni, li jibda bl-ogħla mertu u jasal sa l-inqas: A, B, Ċ, D u F, fejn F tindika li l-kandidat ikun weħel.

(5) Kandidat li ma jirnexxilux jikseb xi kredtu skond ma ntqal hawn fuq għandu jitħalla jagħmel riparatorju darba. Fir-riparatorju l-kredtu tiegħu għandu jiġi mogħti l-grad bħala D jew F.

(6) Qabel ma tibda kull sena akkademika u wara li jkun approvat mis-Senat, katalgu tat-taqsimiet studju, u tal-kredti mogħtija lil kull taqsima studju, għandu jkun pubblikat mill-Bord tal-Fakultà.

L-Eżamijiet Finali

6. (1) Kandidat ikun jeħtieġlu jagħmel l-Eżamijiet Finali fi tmiem il-Kors wara li jkun temm b'suċċess il-41 unità ta' studju fiż-żmien preskritt.

(2) L-Eżamijiet Finali għandhom isiru darba fis-sena, normalment f'Mejju – Ġunju u jkunu magħmulin minn sitt karti: erba' karti fil-Psikoloġija u żewġ karti fil-qasam ewlieni ta' studju jew karta f'kull wieħed miż-żewġ oqsma sekondarji ta' studju. Il-karti għandhom jiġu mmarkati f'dan l-ordni li jibda bl-ogħla mertu u jasal sa l-inqas: A, B, Ċ, D u F, fejn F tindika li kandidat ikun weħel. Jista' jsir ukoll eżami *viva-voce*.

(3) Biex jissodisfa r-rekwiżit ta' l-Eżamijiet Finali l-istudent irid jgħaddi minn kull karta.

(4) Kandidat li jeħel f'xi waħda jew iżjed mis-sitt karti, jista' joqgħod, darba biss għall-eżami riparatorju f'dik il-karta jew f'dawk il-karti.

(5) Il-grad jew marka miksuba f'sessjoni riparatorja ta' l-Eżamijiet Finali minn kandidat li jgħaddi għandha tkun l-inqas grad jew marka ta' min igħaddi.

Ir-Riżultati Finali

7. (1) Fil-valutazzjoni globali ta' kandidat għall-Grad għandhom ikunu ikkunsidrati r-riżultati tiegħu fl-Eżamijiet Finali, kif ukoll il-gradi miksubin fil-kredti meħtieġa skond il-paragrafu (3) tar-regolament 5.

(2) L-Eżamijiet Finali għandhom jingħataw importanza ta' ħamsin fil-mija għall-finijiet tal-grad tar-riżultat finali. Il-ħamsin fil-mija l-oħra jiġu kkalkulati fuq il-bażi ta' medja globali tal-kredti miksuba kif hawn fuq imsemmi.

(3) Fir-riżultati finali l-ismijiet tal-kandidati li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad għandhom jiġu ppubblikati fl-ordni alfabetiku f'lista maqsuma skond il-kategoriji I, II *Upper*, II *Lower* u III. L-ismijiet tal-kandidati li ma jikkwalifikawx għall-għoti tal-grad m'għandhomx jiġu mniżżlin fil-lista.

Għoti tal-Grad

8. Meta jtemmu b'suċċess il-Kors, il-kandidati għandhom jingħatalhom il-Grad.